

32001L0026

23.6.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 168/23

ID-DIRETTIVA 2001/26/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tas-7 ta' Mejju 2001****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għall-verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq ⁽⁴⁾ stabbiliet regoli uniformi għat-trasport tal-merkanzija perikoluża fil-Komunità.
- (2) L-Annessi li jinsabu mad-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ⁽⁵⁾ huma rrelatati ma' l-Annessi li jinsabu mad-Direttiva 94/55/KE. L-addattazzjoni tal-progress xjentifiku u tekniku ta' l-Annessi li jinsabu mad-Direttiva 94/55/KE jista' jkollhom effett fuq l-Annessi li jinsabu mad-Direttiva 95/50/KE.
- (3) L-addattazzjoni għall-progress xjentifiku u tekniku ta' l-Annessi li jinsabu mad-Direttiva 94/55/KE għandha ssir bl-użu tal-proċedura tal-Kumitat.
- (4) Għandu jkun possibbli li jiġu addattati bil-ħeffa l-Annessi li jinsabu mad-Direttiva 95/50/KE għall-progress xjentifiku u tekniku. Għal dak il-għan, għandu jitwaqqaf ukoll Kumitat għad-Direttiva 95/50/KE.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 177 E, 27.6.2000, p. 96.⁽²⁾ ĠU Ċ 268, 19.9.2000, p. 4.⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2000 (ĠU Ċ 40, 7.02.2001, p. 119) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001.⁽⁴⁾ ĠU L 319, 12.12.1994, p. 7. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/7/KE (ĠU L 30, 1.2.2001, p. 43).⁽⁵⁾ ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35.

(5) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/50/KE għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tiprovdri l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi kkonferiti fuq il-Kummissjoni ⁽⁶⁾.

(6) L-Anness I li jinsab mad-Direttiva 95/50/KE għandu jiġi emendat biex jieħdu in konsiderazzjoni d-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/47/KE tal-21 ta' Mejju 1999 li tadatta għat-tieni darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq ⁽⁷⁾.

(7) Id-Direttiva 95/50/KE għandha għalhekk tiġi hekk emendata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 95/50/KE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. l-Artikoli li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

"L-Artikolu 9a

L-emendi meħtieġa biex jiġu addattati l-Annessi għall-progress xjentifiku u tekniku fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, b'mod partikolari biex jieħdu in konsiderazzjoni l-emendi għad-Direttiva 94/55/KE, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9b.

L-Artikolu 9b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-kumitat dwar it-trasport tal-merkanzija perikoluża imwaqqaf bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (*) għandhom jgħoddu, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffsat għal tliet xhur.

⁽⁶⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.⁽⁷⁾ ĠU L 169, 5.7.1999, p. 1.

3. Il-kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(*) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.”

2. L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) fil-partita 13, “Il-massa gross tal-merkanzija perikoluża skond l-unità tat-trasport” għandha tinbidel bi “Il-kwantità totali tal-merkanzija perikoluża għal kull unità ta' trasport”;
- (b) fil-partita 15, “batterija ta” reċipjenti għandha tinbidel b “vettura tal-batterija”;
- (ċ) fil-partita 32, “Sett ta' l-għodda għal tiswijiet temporanji” għandha tinbidel b' “Lampa ta l-idejn għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-vettura”;
- (d) fil-partita 34, “Żewġ idwal ta' kulur oranġjo” għandha tinbidel bi “Żewġ sinjali ta twissija li jieqfu waħedhom”;
- (e) fil-partita 36, “Apparat protettiv personali tas-sewwieq” għandha tinbidel bi “Qmis ta' twissija jew ilbies ta' twissija addattat għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-vettura”.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-23

ta' Diċembru 2001. Huma għandhom minnufih javżaw b'dan lill-Kummissjoni. Fejn l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Mejju 2001.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

N. FONTAINE

Għall-Kunsill

Il-President

B. RINGHOLM